14 ta' Diċembru 2009

# KUMITAT MAGĦŻUL TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
# RAPPORT INTERIM NRU. 2

Skond ir-Riżoluzzjoni li l-Kamra tad-Deputati adottat fis-16 ta' Lulju, 2008[1], meta waqqfet dan il-Kumitat Magħżul, l-iSpeaker għandu jirrapporta progress lill-Kamra. Dan huwa it-tieni rapport interim kif titlob ir-Riżoluzzjoni.

Mill-ewwel rapport interim[2] tal-31 ta' Ottubru, 2008, il-Kumitat Magħżul iltaqa' f'dawn id-dati:

| | |
|---|---|
| Seduta nru. 7 | Il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar 2009 |
| Seduta nru. 8 | It-Tlieta, 11ta' Awissu 2009 |
| Seduta nru. 9 | It-Tnejn, 31 ta' Awissu 2009 |
| Seduta nru. 10 | L-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2009 |
| Seduta nru. 11 | It-Tlieta, 3 ta' Novembru 2009 |
| Seduta nru. 12 | L-Erbgħa, 18 ta' Novembru 2009 |
| Seduta nru. 13 | Il-Ħamis, 10 ta' Diċembru 2009 |

Minbarra dawn il-laqgħat, gruppi differenti ta' Membri tal-Kumitat żammew diversi laqgħat ta' diskussjoni fuq is-suġġetti ta' interess speċifiku. Fil-ħidma tiegħu l-Kumitat kien appoġġjat mill-Iskrivan tal-Kamra s-Sinj.a Pauline Abela u mill-Assistant Skrivan s-Sur Ray Scicluna.

## IT-TISĦIĦ TAL-ISTITUZZJONI TAL-OMBUDSMAN

Tul dawn il-laqgħat il-Kumitat Magħżul iffinalizza d-diskussjoni u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar it-Terminu ta' Riferenza numru (iii) tal-ewwel paragrafu tar-Riżoluzzjoni, jiġifieri, "It-tisħiħ tal-istituzzjoni tal-Ombudsman billi din l-istituzzjoni tingħata r-responsabbilità li tikkordina l-proċessi dwar l-ilmenti amministrattivi fis-settur pubbliku kollu;". Tajjeb wieħed ifakkar li l-kariga ta' Ombudsman, apparti l-qafas legali tal-Att dwar l-Ombudmsan, sa mill-2007 ġiet ukoll imdaħħla fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

[1] Mozzjoni numru 34 proposta mill-Prim Ministru l-Onor Lawrence Gonzi, sekondata mid-Deputat Mexxej tal-Oppożizzjoni fil-Parlament, l-Onor Angelo Farrugia, u adottata b'vot unanimu tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati. **Ara wkoll kopja tar-Riżoluzzjoni f'Anness 1.**

[2] Imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta nru 34 tat-3 ta' Novembru, 2008 (Paper Laid No 777/08)

Il-Kumitat l-ewwel ikkonsidra diversi aspetti tal-Att dwar l-Ombudsman (Kap 385) kif ukoll l-esperjenza pożittiva u r-rapporti tal-operat tal-Ombudsman minn meta twaqqaf fl-1995 sal-lum. Il-Kumitat ikkonsidra wkoll provvedimenti legali oħra dwar l-iskrutinju u awditjar ta' funzjonijiet amministrattivi fis-servizz u fis-settur pubbliku. S'issa hemm provvedimenti legali fil-qasam tal-ippjanar u l-iżvilupp u fil-qasam tal-edukazzjoni ogħla.

Bil-ħsieb li jissaħħu t-trasparenza, il-kontabilità, l-effiċjenza u l-ġustizzja amministrattiva, il-Kumitat Magħżul qabel unanimament li jsaħħaħ l-istituzzjoni tal-Ombudsman billi jirrakkomanda għall-konsiderazzjoni tal-Kamra dawn il-proposti:

- Apparti dak li diġà jipprovdi l-Att dwar l-Ombudsman, l-Ombudsman għandu jingħata wkoll ġurisdizzjoni ċara ta' investigazzjoni fuq:

    1. kull aġenzija imwaqqfa taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497);
    2. kull fondazzjoni mwaqqfa mill-Gvern, minn xi korp statutorju, jew minn xi soċjetà jew korp ieħor li fih xi wieħed minn dawn jew xi kombinazzjoni tagħhom ikollu kontroll tal-ishma jew li fuqhom ikollu kontroll effettiv; u
    3. kull chairperson u membri ta' bord, kumitat, kummissjoni jew xi korp ieħor deċiżjonali, sew jekk imwaqqaf b'liġi kif ukoll b'att amministrattiv, li jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jolqtu xi membru tal-pubbliku.

- Għandu jkun hemm struttura waħda li tinvestiga allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina f'oqsma speċifiċi tal-amministrazzjoni pubblika li tkun regolata fil-qafas legali tal-Att dwar l-Ombudsman.

- Għal dan l-iskop għandu jkun hemm *ombudsmen* speċjali, li jkunu jissejħu Kummissarji għall-Investigazzjoni tal-Amministrazzjoni, f'oqsma speċjalizzati kif jiġi stabbilit mill-Prim Ministru b'konsultazzjoni mal-Ombudsman Parlamentari. Bħall-Ombudsman, dawn il-Kummissarji jkunu wkoll Uffiċjali tal-Parlament u jaqgħu taħt il-kontroll aħħari tal-Kamra tad-Deputati u jirrappurtaw lill-Kamra permezz tal-Ombudsman Parlamentari.

Sal-lum l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) jipprovdi għal Ombudsman fil-qasam tal-edukazzjoni terzjarja u ogħla[3], filwaqt li l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356) jipprovdi għal Uffiċjal dwar il-Verifika (Audit Officer)[4] biex jistħarreġ il-funzjonijiet kollha u l-operat tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ippjanar u l-Ambjent (MEPA). Struttura waħda tipprovdi post ċentrali għal ċittadini li jridu jressqu ilmenti u li jagħtihom aċċess dirett għal uffiċjali li qegħdin hemm biex jgħinuhom iħarsu d-dritt tagħhom għal amministrazzjoni pubblika tajba. Dan iġib miegħu aktar konsistenza,

---

[3] Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), Artikolu 74 (15) u (16).
[4] Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356), Artikoli 2 u 17C.

uniformità proċedurali, u effettività. Struttura waħda iġġib magħha koordinament u użu aħjar ta' riżorsi investigattivi fil-qasam tal-iskrutinju amministrattiv.

Il-Kummissarji f'oqsma speċjalizzati:

- Lkoll jiġu maħtura b'mod trasparenti mill-Ombudsman fuq rakkomandazzjoni konġunta tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni. F'każ li f'perjodu ta' żmien stabbilit fil-liġi ma jkunx hemm qbil bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni fuq persuna idonea għall-qasam partikolari, il-ħatra ssir mill-Ombudsman inniffsu. Fil-ħatra ta' Kummissarji għandu jiġi assigurat li t-terminu ta' żmien li għalih jiġu maħtura biex iservu jiskadi f'data komuni.

- Fl-eżerċizzju tal-poteri u l-funzjonijiet u fit-twettiq tal-ħidma tagħhom ta' investigazzjoni u awditjar, il-Kummissarji jkollhom b'liġi indipendenza u awtonomija fl-oqsma li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom. L-istruttura ta' Kummissarji fi ħdan l-istituzzjoni tal-Ombudsman tassigura li dawn il-mekkaniżmi ta' awditjar amministrattiv ikollhom is-saħħa li jsostnu l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom mill-istess istituzzjonijiet li huma għandhom id-dmir li jissorveljaw.

- Il-Kummissarji jingħataw immunità sħiħa minn kwalunkwe passi dixxiplinari, amministrattivi, ċivili jew kriminali bħala riżultat tat-twettiq tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom.

- Fil-proċess investigattiv li jwettqu għall-ilmenti li jkollhom quddiemhom il-Kummissarji japplikaw l-istess provvedimenti legali li japplika l-uffiċċju tal-Ombudsman biex ikun hemm proċess investigattiv aktar omoġenju u uniformi li jagħti riżultati aktar konsistenti kif titlob il-liġi.

- Il-Kummissarji jkunu garantiti aċċess sħiħ u bla ebda restrizzjoni għat-tagħrif kollu meħtieġ waqt kull investigazzjoni fuq allegazzjoni ta' amministrazzjoni ħażina.

- Kull Kummissarju jagħti rendikont ta' ħidmietu permezz ta' rapport annwali li jiġi inkorporat fir-rapport annwali imħejji mill-Ombudsman Palamentari.

L-Ombudsman m'għandux jikkontesta l-valutazzjoni teknika u ta' *expertise* ta' xi Kummissarju dwar każ f'qasam ta' ġurisdizzjoni speċjali fdata lilu u f'dan is-sens ir-rapport tal-Kummissarju fuq il-merti tal-każ ikun finali u l-Ombudsman m'għandux jerġa' jiftaħ il-każ jew xi aspett tiegħu. B'dana però li l-Ombudsman għandu jassigura li l-investigazzjoni ssir skont il-liġi tal-Ombudsman u skont il-prinċipji ta' ekwità u ġustizzja naturali. L-Ombudsman għandu jara li l-proċeduri interni jigarantixxu li x-xogħol ta' investigazzjoni u awditjar isir b'mod ġust, imparzjali, effiċjenti u trasparenti.

Il-Kumitat ikkonferma l-prinċipju li l-istituzzjoni tal-Ombudsman, u eventwalment l-istruttura ġdida ta' Kummissarji, ma jkollhom ebda poter eżekuttiv biex jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet tagħhom jiġu implimentati. L-amministrazjoni għandha tibqa' impenjata biex fi żmien xieraq tagħti tagħrif sħiħ dwar it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet li joħorgu mill-Uffiċċju tal-Ombudsman Parlamentari u li tagħti spjegazzjoni u raġunijiet ċari meta dawn ma jistgħux jiġu implimentati.

Fid-deliberazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu fuq dan il-qasam, il-Kumitat ta konsiderazzjoni sħiħa għall-konsultazzjoni li l-iSpeaker għamel mal-Ombudsman Parlamentari u mal-Uffiċjal dwar il-Verifika tal-MEPA attwali. Iż-żewġ uffiċjali fissru l-qbil tagħhom mad-direzzjoni li qed jindikaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Magħżul kif spjegat hawn fuq. Il-Kumitat magħżul esprima l-apprezzament tiegħu għall-kontribut tal-Ombudsman Parlamentari u tal-Uffiċjal tal-Verifika tal-MEPA fit-tifsil tal-proposti kif spjegati hawn fuq.

Fuq dan it-terminu ta' riferenza daqstant għandu x'jirrapporta l-Kumitat Magħżul lill-Kamra li min naħa tagħha issa għandha fl-iqsar żmien tikkonsidra u tiddeċiedi l-pass li jmiss. Il-Kumitat Magħżul jifhem li diversi dettalji legali konnessi ma' dan is-suġġett jiġu konsidrati darba l-Kamra jkollha għall-konsiderazzjoni tagħha l-abbozz leġislattiv relattiv.

**IT-TISĦIĦ TAL-PARLAMENT**

Sotto-grupp tal-Kumitat Magħżul qiegħed jiffinalizza rapport dwar it-tisħiħ tal-Parlament u l-aġġornament tal-Ordnijiet Permanenti.

**IT-TISĦIĦ TAL-KUMMISSJONI KONTRA L-KORRUZZJONI**

Il-Kumitat Magħżul għadu fi stadju ta' diskussjoni fuq prinċipji.

**PROĊESS U SISTEMA ELETTORALI**

Il-Kumitat Magħżul avvanza d-diskussjoni fuq dan is-suġġett, fuq l-aspett tal-ispejjeż li jistgħu jinkorru kandidati għall-elezzjoni, u fuq il-finanzjament tal-partiti politiċi. Il-perjodu sabiex min hu interessat jibgħat il-kummenti tiegħu fuq il-proċess u s-sistema elettorali jagħlaq fit-18 ta' Diċembru, 2009. Hekk kif jgħaddu l-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, il-Kumitat ser jibda l-konsultazzjoni finali mal-partiti politiċi u ma' dawk li jkunu issottomettew il-kummenti u s-suġġerimenti tagħhom.

**ISSIKKAR FUQ KONFLITT TA' INTERESS**

Il-Kumitat ingħata dokument min naħa tal-Gvern dwar l-aspetti ta' Blind Trusts li fihom Ministri u Segretarji Parlamentari jkunu meħtieġa jpoġġu interessi kummerċjali u investimenti li jista' jkollhom.

Il-Kumitat Magħżul f'dan l-istadju għadu ma bediex il-konsiderazzjoni tiegħu ta' materji li għandhom x'jaqsmu ma' xandir pubbliku u ma' reviżjoni tal-Kostituzzjoni.

L-iSpeaker tal-Kamra jirringrazzja lill-Membri kollha tal-Kumitat Magħżul għall-kontribut u l-kollaborazzjoni tagħhom, speċjalment għall-atmosfera kostruttiva u ta' djalogu li qed tikkaratterizza d-diskussjoni u l-ħidma da parti tal-Membri kollha tal-Kumitat Magħżul.

Il-Kumitat Magħżul qed ikompli jiltaqa'.

**Louis Galea**
**Speaker**

IL-PRIM MINISTRU
MALTA

Approvata unanimament fis-Seduta 34 tas-16 ta' Lulju 2008.

16 ta' Lulju 2008

**RIŻOLUZZJONI TAL-PRIM MINISTRU GĦALL-ĦATRA TA' KUMITAT MAGĦŻUL**

Peress li fid-diskors tal-ftuħ ta' dan il-Ħdax-il Parlament ġie ddikjarat b'mod espliċitu illi l-Programm tal-Gvern għal din il-Leġiżlatura, jinkludi :

(i) it-tisħiħ tad-demokrazija u t-trasparenza billi jiġi msaħħaħ il-Parlament filwaqt li jiżdidulu r-riżorsi;
(ii) it-tisħiħ tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni billi, fost ħwejjeġ oħra, ssir liġi dwar Investigatur Speċjali fi ħdan din il-Kummissjoni;
(iii) it-tisħiħ ta' l-Istituzzjoni tal-Ombudsman billi din l-istituzzjoni tingħata r-responsabbilta` li tikkoordina l-proċessi dwar l-ilmenti amministrattivi fis-settur pubbliku kollu;
(iv) proposta biex issir Liġi dwar il-Finanzjament tal-Partiti Politiċi;
(v) proposta biex, f'kuntest ta' reviżjoni tal-Kostituzzjoni, issir liġi li tkompli ttejjeb is-sistema elettorali; u
(vi) proposta biex issir liġi għat-tisħiħ ta' l-issikkar fuq konflitti ta' interess ta' Membri Parlamentari nkluż proposta leġiżlattiva biex il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari jpoġġu fi *Blind Trusts* l-interessi kummerċjali u n-*non-fixed/public investments;*

u peress li ġew imressqa proposti dwar it-tisħiħ tal-Parlament permezz ta' regoli dwar il-ħatra ta' *Speaker*, Deputat *Speaker* u President tal-Kumitati, il-*pairing*, ħin ta' mistoqsijiet lil Prim Ministru, il-ġranet u ħinijiet tas-seduti parlamentari, il-kworum u żieda fir-riżorsi għad-disposizzjoni tal-gruppi parlamentari;

peress illi din il-Kamra taqbel illi għandha ssir diskussjoni dwar ix-xandir pubbliku f'pajjiżna, liema diskussjoni għandha tinkludi wkoll ir-regolamentazzjoni aqwa u aktar effettiva ta' l-istazzjonijiet tal-Partiti Politiċi nkluż x'għandu jkun is-sehem tal-Partiti Politiċi fil-medja lokali;

peress illi din il-Kamra taqbel li dawn kollha huma materji ta' interess nazzjonali u għaldaqstant kull fejn ikun possibli għandu jintlaħaq kunsens bejn iż-żewġ naħat;

għaldaqstant, din il-Kamra tad-Deputati qiegħda tirriżolvi li tinnomina Kumitat Magħżul minn fost il-membri tagħha bil-għan li dan jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Parlament fuq il-materji kollha msemmija f'din ir-riżoluzzjoni;

dan il-Kumitat Magħżul jkun jista jirregola l-proċedura tiegħu minkejja kull provediment fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, nkluż li jisma' jew jirċievi l-opinjoni, suġġerimenti u rakkomandazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili.

Il-Kumitat Magħżul għandu jkun kompost minn tliet membri minn naħa tal-Gvern u tliet membri minn naħa tal-Opposizzjoni u kull naħa tal-Kamra għandha tinnomina tliet membri sostituti.

Il-Kumitat Magħżul għandu jkun presedut mill-i*Speaker* tal-Kamra u, fl-assenza tiegħu, mid-Deputat *Speaker* tal-Kamra.

L-i*Speaker* tal-Kamra għandu jirraporta progress lil din il-Kamra sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2007

Il-Kumitat Magħżul huwa kompost minn dawn il-Membri:

għan-naħa tal-Gvern

Membri : L-Onor Tonio Borg
L-Onor Austin Gatt
L-Onor Francis Zammit Dimech

Sostituti : L-Onor Michael Frendo
L-Onor Beppe Fenech Adami
L-Onor Charlo Bonnici

għan-naħa tal-Opposizzjoni

Membri : L-Onor Anglu Farrugia
L-Onor Charles Mangion
L-Onor Karmenu Vella

Sostituti : L-Onor Evarist Bartolo
L-Onor Michael Falzon
L-Onor George Vella

Lawrence Gonzi
Prim Ministru